**MINUTI LAQGĦA NUMRU 41**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

L-Erbgħa, 24 ta' Novembru, 2021.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum l-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021, fl-16:46 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

# 41.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

41.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

# 41.2 Xogħolijiet fi Ġnien il-Familja u l-Grawnd tal-Futbol

41.2.1 Għal din il-laqgħa ġie mistieden is-Sur Noel Mizzi, president tal-*Qala Saints Football Club*. Il-Kunsilliera qablu li l-item immarkat fuq l-Aġenda bħala "41.6 Xogħlijiet fi Ġnien il-Familja u l-Grawnd tal-Futbol" jitressaq 'il quddiem u jiġi diskuss qabel.

41.2.2 Is-Sur Mizzi irrapporta li x-xogħol ta' kostruzzjoni fiz-zona tal-grawnd u l-*clubhouse* mistenni jkun lest fi żmien xahar. Ix-xogħol ta' kisi u *finishing* fuq ġewwa beda. Wara ser jibda l-finishing tal-ground. Imbgħad l-aħħar fazi ser tikkonsisti f'xogħol ta' dawl, *turf* u *fencing*.

41.2.3 Is-Sur Mizzi intalab jiċċara s-sitwazjoni dwar żewġ katusi li għamlu xi żmien jisbukkaw fi Ġnien il-Hajja. Spjega li dawn il-katusi diġa' tneħħew u li kienu saru bi zball



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

minn ħaddiema li, billi (l-ħaddiema) jinbidlu, ma kienux jafu minn fejn ser jidhlu s-servizzi (dawl u ilma) lejn il-*clubhouse*. Fil-fatt dawn is-servizzi kienu diġa' għaddew minn post ieħor.

41.2.4 Il-Kunsill wera ruħu sodisfatt bit-tagħrif ippreżentat mis-Sur Mizzi u awtorizza lis-Sindku u lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex jiffirmaw in-*no objection* ħalli hekk issa l-Ministeru għal Għawdex ikun jista' joħroġ *tender* għat-*turf* u d-dawl.

41.2.5 Is-Sur Mizzi staqsa dwar il-meter dawl u ilma. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta li intbgħatet email f'dan ir-rigward lid-Direttur ta' Eco Gozo. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li għandu korrezzjoni f'dan ir-rigward għal minuta 40.4.3; u dan billi hu kien issuggerixxa li ssir talba għal kjarifika mad-Direttur Eco Gozo.

41.2.6 Is-Sur Mizzi issuġġerixxa li l-Kunsill japplika għad-dawl u ilma tal-grawnd, u dan peress li l-art hi propjeta' tal-Kunsill. Is-Sur Mizzi żied li imbghad il-konsum ta' dawn il-meters jitħallas mill-club tal-football.

41.2.7 Is-Sur Mizzi semma kif bejn il-21 u 24 ta' Diċembru il-*club* tal-*football* ser ikun qed jorganizza *Christmas Village* fi Ġnien il-Familja, u talab għal kontribut mill-Kunsill lejn din l-attivita'. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

## 41.3 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

41.3.1 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li minuta numru 40.3.19 (kif preżentata fl-abbozz tal-minuti) il-proposta saret minnha u mhux mis-Sindku. Il-Minuta 40.3.19 għalhekk tneħħiet mill-istqarrija tas-Sindku, ddaħlet fit-taqsima relatata mal-mistoqsijiet tal-Kunsilliera u ġiet mogħtija numru ta' referenza ġdid 40.4.30.

41.3.2 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tablet li minuta numru 40.4.9 tibidel għas-segwenti: "Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li din it-talba diġa' ġiet approvata minn Transport Malta, u staqsiet għaliex għadha ma nxtratx u ma twaħħlitx." Hawnhekk l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' aġġornament fuq ix-xogħlijiet dwar dan is-suġġett.

41.3.3 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg talab biex tiżdied is-segwenti sentenza ma minuta numru 40.4.3: "Il-Kunsillier Joseph Buttigieg ippropona biex, 'il quddiem, isir *sub meter* għal meta l-*club* tal-Qala Saints jibdew jużaw l-ilma."

41.3.4 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai talab li jiżdied paragrafu ġdid fit-taqsima 4 (Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera) bis-segwenti: "Il-Viċi Sindku Ivan Cefai ippropona biex is-siġar ta' madwar il-pjazza jitbexxu bil-*liquid soap* wara li jinżabru, biex tinqered il-*white fly*. Is-Sur Frans Saliba, eks uffiċċjal inkarigat mill-Razzett ta' Għawdex assigura lill-Viċi



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Sindku li l-bexx bil-*liuid soap* ma huwa ser jagħmel ebda ħsara la lill-għasafar, la lis-siġar, u wisq inqas lill-bniedem." Dan il-paragrafu ġie mogħti in-numru 40.4.31.

41.3.5 Il-Kunsill approva il-minuti tal-laqgħa numru 40 bit-tibdiliet hawn fuq imniżżla.

## 41.4 Komunikazzjoni tas-Sindku

41.4.1 Is-Sindku semma li nhar it-22 ta' Novembru saret laqgaħa bejnu, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, Paul Fenech u Angelo Giocchetti waqt li dan tal-aħħar kien qiegħed iżur Malta fuq xogħol. L-iskop tal-laqgħa kien li jiġu esplorati possibilitajiet ta' aktar inizjattivi li minnhom ijstgħu igawdu l-Qalin. Is-Sur Giocchetti ser ikun qed iressaq xi proposti dwar dan fil-ġimgħat jew xhur li ġejjin.

41.4.2 Is-Sindku qal li s-seminar dwar kif isiru l-presepji kien success u li kellu attendenza tajba. Is-Sindku qal li x-xewqa tiegħu kienet li jkun itwal minn nofs ta' nhar imma dan ma setax isir f'dan il-perjodu. Is-Sindku għalhekk issuġġerixxa li jerġa jsir seminar ieħor, għal Lulju jew Awwissu u naħsbu biex ikun itwal.

41.4.3 Is-Sindku informa li ġew ordnati l-basktijiet biex jitqassmu lir-residenti Qalin.

41.4.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill li inxtraw il-Kotba li ser jingħataw lit-tfal għall-Milied.

41.4.5 Is-Sindku semma li t-Tender tas-*Civil Works* infetħu. Kien hemm tliet offerti. Dawn l-offerti ser ikunu evalwati u ser jiġu aġġudikati fil-futur qarib.

41.4.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie infurmat li Joseph Michael Cefai ser ikun qed jgħaddi pajpijiet qabel ma jsir il-*flooring* fil-playing field Maġistrat Salvu Attard biex tiġi installata CCTV. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li mhux aċċettabbli li wara sentejn ix-xogħol għadu ma bdiex. Issuġġerixxa li l-laqgħa li jmiss ikun preżenti l-Perit biex jagħti spjegazzjoni tax-xogħol li qed isir. Il-Kunsill qabel ma dan.

41.4.7 Is-Sindku qal li bħalissa qed jintalbu stimi sabiex tinbidel is-*see saw*, u r-*rubbish bins* ta' Ġnien il-Familja. Intalbu wkoll stimi għal bankijiet ġodda madwar ir-raħal.

41.4.8 Is-Sindku qal li sa ftit granet oħra l-infrastruttura marbuta mal-WIFI4EU ser tkun installata f'għaxar postijiet diversi fil-Qala. Qal li s-servizz tal-Internet ser ikun imħallas mill-Ministeru wara li qajjem dan il-punt hu stess mal-awtoritajiet konċernati.

41.4.9 Is-Sindku informa li, minkejja li hu tħabat biex t-tilqaim tal-influwenza isir minn ġol-berġa tal-Qala, dis-sena mhux ser isir mil-berġa tal-Qala. Dan minħabba l-imxija tal-COVID-19.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

41.4.10 Is-Sindku qal li hemm qasrija (pot) miksura f' ta' Grunju. Il-Kunsill għamel talba lill-Ministeru għal Għawdex imma sa issa x-xogħlijiet għadom ma sarux. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li ser ikun qed jagħmel *follow up* mal-ħaddiema tal-Ministeru.

41.4.11 Is-Sindku għamel referenza għar-rapporti li kienu saru dwar bozoz fi Triq il-Wileg li ma kienux qed jixgħelu. Dawn issa tranġaw.

41.4.12 Is-Sindku semma li l-Kunsill ġie avviċinat mill-*Cultural Heritage Directorate* biex isir restawr tat-*telephone booth* li hemm fi Pjazza San Ġużepp, u li l-Kunsill aċċetta.

41.4.13 Is-Sindku semma li ġew ordnati żewġ ornamenti (silhouetts) tal-Milied biex jiġu imwaħħlin fiċ-Ċentru Ċiviku għal żmien il-Milied. L-ELC intalbu jpoġġu presepju fi Ġnien il-Familja u dan fil-fatt diġa' sar.

41.4.14 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-electrician beda jarma t-tiżjin tad-dawl tal-Milied madwar is-siġar tal-pjazza.

41.4.15 Is-Sindku qal li x-xogħol fuq id-*dog park* tkompla u issa jinsab miftuħ. Is-Sindku qal li hu ta' sodisfazzjon għalih li jara xogħol li kien ilu jaħdem fuqu għal dawn l-aħħar tliet snin jitlesta biex jitgawda mill-pubbliku.

41.4.16 Is-Sindku rrapporta li hemm mera fir-roundabout ta' Patri Ġużepp Portelli li tneħħiet mis-sid tal-post. Is-Sindku qal li ser ikun qed jieħu parir ta' avukat dwar x'jista' jsir ladarba sid il-post ma jridx li titwaħħal fuq propjeta' tiegħu.

41.4.17 Is-Sindku qal li qed iqabbad lis-Sur Joseph Sancto meta jkun hemm bżonn biss; biex joqgħod mal-iskips u jgħin fit-tindif tat-toroq. Is-Sindku qal li inqalgħet problema bil-boroż tal-ħmieġ li jiġbor is-Sur Sancto għaliex dawn mhux jinġabru.

41.4.18 Is-Sindku qal li ser issir talba biex titneħħa *disability parking* li ma tintużax fi Triq taċ-Ċawl

41.4.19 Is-Sindku informa li fi Triq l-Indipendenza inqalgħet biċċa tarmac li ma tissewwiex bil-*patching*. Issuġġerixxa li nitolbu lill-Road Construction jagħmilha hu peress li bħalissa qiegħed jaħdem fil-qrib. Il-Kunsill qabel li jitlob stima lil Road Construction għal dan ix-xogħol.

41.4.20 Is-Sindku qal li t-tkomplija tax-xogħol fi triq il-Kunċizzjoni waqfet minħabba x-xita. Ser titkompla malli t-temp jippermetti.

41.4.21 Is-Sindku semma li, kaġun il-ħafna xita, waqgħu numru ta' ħitan tas-sejjieħ. Kien hemm ukoll ħsara kkawżata mill-għargħar fil-wied tal-Marġa.

41.4.22 Is-Sindku rrapporta li ntużaw 50 xkora *cold mix* biex isir xogħol ta' *patching* bħala tiswija għal ħsara kkawżata mill-maltemp. Il-compactor li nxtara riċentement qed ikun utli. Hemm bżonn ta' aktar xkejjer pero' qed ibatu biex jinstabu biżżejjed *cold mix*.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

41.4.23 Is-Sindku rraporta li saret tabella biex ma jintremiex skart fi triq ta' Ċini.

41.4.24 Is-Sindku rrapporta li l-globi kollha Ġnien il-Familja issa qed jixgħelu.

41.4.25 Is-Sindku qal li waqt li qed nistennew il-permess mingħand Transport Malta għall-i*sleeping police*, intant ġa inġabet stima għalihom.

41.4.26 Is-Sindku talab biex tinħareġ sejħa għal stima biex jiġu stampati fuljetti (leaflets) dwar is-separazzjoni tal-iskart. Il-kunsilliera qablu ma dan imma talbu li t-tabelli iridu jsiru xorta waħda.

41.4.27 Is-Sindku semma li hemm nies li ġew mogħtija l-impressjoni li meta l-Kunsill attenda għal Konferenza tal-EUISM f'Porto (il-Kunsill) kien "vaganza". Is-Sindku iċċara li dan mhuwiex il-każ. Żied ukoll li t-tliet ijiem ta' wara l-konferenza tħallsu mill-flus personali tal-parteċipanti u mhux minn fondi tal-Kunsill. Il-ġranet tal-Konferenza ġew imħallsa minn fondi tal-Unjoni Ewropeja.

41.4.28 Is-Sindku semma li saret applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar minn Joseph Portelli li tikkonsisiti f'bini ta' *swimming pool* f'zona ODZ. Dr Bonello daħħlet oġġezzjoni dwar din l-applikazzjoni f'isem il-Kunsill aktar kmieni llum stess. Il-Kusill qabel unanimament dwar dan.

41.4.29 Is-Sindku irrapporta lill-Kunsill li reġgħet saret talba mal-Ministeru biex titranġa Triq taċ-Ċawl. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qiegħed ikompli jagħmel *follow up* ta' din it-talba.

41.4.30 Is-Sindku semma li tfaċċaw xi xquq Fi Triq l-Imġarr u Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg. Ser tkun qiegħda tintalab direzzjoni mid-dipartiment biex naraw x'irid isir biex dawn jissewwew.

41.4.31 Is-Sindku semma li saret seduta fil-Qorti dwar il-Kawża ta' Peter Paul Said; fejn fiha l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta kopja tal-minuti rilevanti mal-każ. Is-Sindku semma kif, waqt diskussjoni fil-Qorti, l-Avukat Chris Said semma li (s-Sindku) ġie mressaq quddiem il-Bord tal-Governanza minn sħabu stess. Dan intqal quddiem numru ta' nies preżenti fl-awla dak il-ħin, li fosthom jinkludu Maġistrat, Reġistratur tal-Qorti, l-Avukat Dr Daniel Calleja, l-Avukat Dr Mario Scerri u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal li għalissa m'huwiex ser jikkummenta dwar dan; iżda ħa jagħmel dan meta ż-żmien ikun f'waqtu.

## 41.5 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

41.5.1 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg aġġorna lill-Kunsill li l-Ministeru ħadem xi armar tal-Milied li ser jitpoġġa fil-funtana quddiem il-Kunsill. Dan ser tibda tintrama fil-ġranet li ġejjin. Il-Kunsill qabel ma dan.

41.5.2 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li l-Ministeru għal Għawdex ser ikun qed jagħmel *Christmas Calendar* fuq iz-zuntier tal-pjazza għal żmien il-festi tal-Milied. Il-Kunsill qabel ma dan.

41.5.3 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li l-Ministeru ser ikunu qed iżidu mal-armar tal-Milied li kien sar fil-Qala is-sena l-oħra. Il-Kunsill qabel ma dan.

41.5.4 Il-Kunsilliera Valerie Mejlak għamlet referenza għal parti tal-istqarrija tas-Sindku fejn issemma li tqabbad is-Sur Joseph Sancto biex jagħmel xogħol ta' tindif[1]. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li hi taqbel u tinsab kuntenta għalih. Imma fl-aħħar laqgħa hi kienet semmiet li taf b'ħaddiem li qed jirreġistra biex tara jistax jitqabbad mill-Kunsill u hawn kienet ingħatat risposta fin-negattiv[2]. Imbgħad issa semgħet bis-Sur Sancto. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak għalhekk qed terġa' tipproponi li jitħaddem ukoll din il-persuna msemmija minnha. Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa kif qed jitħallas is-Sur Sancto. Is-Sindku qal li s-Sur Sancto qiegħed jitqabbad xħin ikun hemm bżonn biss. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb li s-Sur Sancto qed jiffirma għas-sigħat u jibgħat kont lill-Kunsill. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet kif jintgħażel bniedem minn ieħor għal xogħolijiet bħal dawn, waqt l l-Kunsillier Karl Buttigieg issuġġerixxa li x-xogħol għandu jinqasam bejn il-ħaddiema u ma nintrabtux. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li mhux sew jitqabbad xi ħadd b'dan il-mod mingħajr ma jkun approvat mill-Kunsill. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ser iklun qed jitlob direzzjoni mid-Dipartiment dwar dan.

41.5.6 Il-Kunsilliera Valerie Cassara Mejlak qalet li fil-proġett ta' Joseph Portelli mhux jinżammu l-ħinijiet tat-taħmil. Is-Sindku wieġeb li diġa' ilmenta mas-Supretendent tal-Pulizija dwar dan u li bħalissa qed jistenna feedback mingħandu.

41.5.7 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tablet aġġornamnet dwar il-mużajk li kien issemma waqt il-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li jinsb f'komunikazzjoni ma uffiċjali tal-Ministeru biex jiġi identifikat lil min nistgħu inkellmu dwar dan.

41.5.8 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak talbet għal aġġornament fuq l-ispeed limit signs. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn jinsabu f'idejn il-perit.

---

[1] Vide minuta numru 41.4.17
[2] Vide minuta numru 40.4.5



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

41.5.9 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar hux isir infurzar biex jiġi żgurat li t-trakkijiet li jgħaddu mir-raħal ikollhom il-banju mgħotti bil-*covers*. Is-Sindku qal li din ġiet implimentata u anke *surprise vists* qed isiru.

41.5.10 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar il-*bins* ġodda ta' Triq il-Belvedere. Is-Sindku wieġeb li dawn ħa jitwaħħlu l-ġimgħa d-dieħla, u li r-raġuni li ma sarux qabel kienet peress li l-Kunsill ma kellux *generator*.

41.5.11 Is-Sindku semma li hemm bżonn isir il-ħajt tas-sejjieħ faċċata ta' Alessju fi Triq il-Kunċizzjoni.

41.5.12 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li hemm bank miksur fi triq il-Belvedere. Is-Sindku qal li l-għada stess ser imur jaraħ.

41.5.13 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet kif qed jinġema' ammont ta' skart fi Triq in-Nadur, fejn joqgħodu t-tfal ta' Alessju Mizzi. Is-Sindku qal li trid issir talba mill-Kunsill biex jinterjveni d-Dipartiment tas-Sanita'. Ġie propost li ssir tabella biex ma jintremiex skart fiz-zona.

41.5.14 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet x'xogħol sar fir-rigward tal-*Christmas Market* fil-pjazza. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sa dak inhar filgħodu kienu l-Kunsill ġie mitlub tagħrif ġdid, li ingħata, imma għadu ma ingħatax risposta hux ser jitħallew jagħmlu din l-attivita'. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li waqt li ser ikun qiegħed isegwi l-iżviluppi fuq din it-talba, il-Kunsill ser ikun qiegħed jaħdem ukoll fuq xiri ta' termometri biex jitqies id-deni, u *liquid sanitizers*.

41.5.15 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar x'sar fuq it-talba għal dawl fi triq il-Fortin Sant' Antnin. Is-Sindku qal li dawn ser isiru. Għarraf lil Kunsill li minn meta ltqajna mal-Ministru intafqu eluf ta' Euro f'bozoz. Għalhekk irridu noqgħodu attenti.

41.5.16 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak talbet biex issir *loading & unloading parking bay* fejn il-Ur Choice supermarket. Is-Sindku qal li din ser issir meta jkun qed isir ix-xogħol tal-one way. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jagħmel talba ma TM dwar dan.

41.5.17 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li Triq Kuncizzjoni u Triq il-Forn għaġġilna, għaliex hemm 3 familji jilmentaw biex ma ssirx il-one way. Issuġġerixxiet li jsir studju. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak u Joseph Buttigieg huma tal-parir li nistennew ir-rapport tal-perit qabel ma nikkommettu ruħna għal *one way*. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li jsir studju ħolistiku li jinkludi l-pjazza u l-areas tal-madwar. Intlaħaq qbil li jiġi perit biex jagħmel assessment għal stima u li għalissa il-*one-way* fi Triq il-Kuncizjoni u Triq il-Forn ser tibqa' *on hold*.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

41.5.18 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li kellmu s-Sur Michael Buhagiar dwar *double yellow line* quddiem garage fi Triq il-Kuncizzjoni. Dan id-*double yellow line* diġa' kien hemm u tħassar biż-żmien. Il-Kunsill qabel li jerġa jsir.

41.5.19 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg informa lil Kunsill li ser isir "dinja tat-tfal" ieħor, nhar it-18 ta' Diċembru, u staqsa lill-Kunsill iridx li jsir *sponsor* ieħor lill-għaqda tal-armar? Il-Kunsill qabel li dan isir. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed iwieġeb lura lill-għaqda meta dawn jibgħatu t-talba bil-miktub.

41.5.20 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa dwar kif bqajna fuq il-pannelli li għandhom isiru fuq il-bejt taċ-ċentru Ċiviku. Is-Sindku wieġeb li qiegħdin nistennew li jiġi l-engineer biex jerġa' jara x'hemm bzonn li jsir ħalli napplikaw għal *meter* għalihom.

41.5.21 Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab kjarifika dwar min hu responsabbli mit-tindif tal-Wied tal-Marġa. Is-Sindku wieġeb li l-Ministeru għal Għawdex qed inaddfu. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jagħmel talba lill-Ministeru għal Għawdex biex jitnaddaf danil-wied.

41.5.22 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma kif il-baħar tella ħafna ġebel fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien. Is-Sindku wieġeb li dan diġa' tneħħa.

41.5.23 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa hemmx data iffissata għal meta l-kotba li inxtraw ser jingħataw lit-tfal. Is-Sindku qal li ser ikun qed iħalli f'idejn is-Surmast biex jiffissa data.

41.5.24 Il-Kunsillier Karl Buttigieg tkellem dwar l-aħbar li Triq Papa Piju XII ser tingħata wiċċ ġdid ta' tarmac mill-Ministeru għal Għawdex. Qal li hi ħaġa pożittiva li ser issir. Is-Sindku qal li ħa pjaċir bil-kollaborazzjoni mill-Ministru li anke fehem il-ħtieġa li din issir mill-qiegħ.

41.5.25 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li kull ma jmur issa Triq l-Indipendenza qiegħda ssir prijorita'. Is-Sindku qabel ma dan u fit-tweġiba tiegħu qal li Triq l-Indipendenza hi, fl-opinjoni tiegħu it-triq li jmiss biex issir.

41.5.26 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa dwar is-sitwazjoni tal-ilma fl-isqaqien ta' Triq il-Wardija. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' aġġornament ta' x'qiegħed isir. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li t-tender aggudikat ikopri x-xogħol ta' drenagg u wicc (*surfacing*).

41.5.27 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa dwar iz-*zebra crossing* fi Triq l-Imġarr. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li din tinsab f'idejn il-Perit u li skond dan, l-applikazzjoni għaliha għandha titressaq quddiem Transport Malta għal nofs Diċembru.

41.5.28 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma kif fi Triq Wied Simar trakkijiet għaddejjin *wrong way* fuq ir-roundabout u qed jagħmlu ħafna ħsara. Staqsa l-Kunsill jistax jagħmel vlegga biex il-vetturi jduru mar-roundabout. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

41.5.29 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li hemm żewġ pots kbar li saru fil-proġett tal-*urban greening* fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg. Staqsa nistgħus immexxuhom. Il-kunsill qabel li dawn għandhom jiċċaqalqu.

41.5.30 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg staqsa fuq l-iStickers li jridu jsiru mal-qsari li saru bħala parti mill-proġett tal-*Urban Greening*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta li rċieva stima għal dawn l-istickers mingħand from Tony's signs li tammonta għal EUR450. Il-Kunsill qabel unanimament ma din l-istima.

41.5.31 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li d-dawl fi Ġnien il-Familja issewwa u qiegħdin ħafna aħjar. Semma li fadal xi ħaġa żgħira. Is-Sindku qal li kien tal-idea li kollha kienu jahdmu, imma ha jerġa' jiċċekja.

41.5.32 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai staqsa dwar it-talba għal *sub post office* fil-Pjazza. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta li l-Kunsill bagħat talba għal informazzjoni u li ġejna mogħtija numru ta' referenza. Ser ikun qed jagħmel to *follow up* ta' din it-talba.

41.5.33 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li fl-imgħoddi kien hemm żewġ mirja fit-telgħa ta' San Ġużepp u li tajjeb jekk jerġgħu jitwaħħlu. Is-Sindku qabel li dawn għandom li jerġgħu isiru, u talab li jmorru fuq il-post flimkien għax ma nafx fejn kienu.

41.5.34 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li qiegħda tinħoloq problema bl-*istop signs* fiz-zona tas-Salib. Staqsiet nistgħux nagħmlu mirja? Is-Sindku wieġeb li tista' ssir.

41.5.35 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai xtaq iwieġeb fir-rigward ta' dak li ntqal minn Dr Chris Said. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li fil-kawża hu ħa l-avukat kif seta' jagħmel kulħadd, u dan għamlu għaliex issemmiet parentela li hu għandu ma Anton Mercieca tal-A&M Printing.

## 41.6 Evalwazzjoni fuq il-Konferenza "*EUrope Is a State of Mind*" (EUISM) ta' Porto

41.6.1 Is-Sindku qal li l-Konferenza li nzammet f'Porto kienet success. Mill-Kunsill attendew hu (is-Sindku), il-Viċi Sindku Ivan Cefai, il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Esprima x-xewqa tiegħu li l-Kunsilliera Joseph Buttigieg u Karl Buttigieg setgħu jattendu, iżda dawn ma setgħux minħabba impenji ta' xogħol. Is-Sindku qal li jahseb bħala Kunsill qtajna figura tajba, fejn anke konna ppreparati sew. Is-Sindku għalaq billi radd il-ħajr lill-Associação Sójovem li lagħuna tajjeb ħafna ġewwa pajjiżhom.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

41.6.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li skond il-ftiehim iffirmat ma ACE srl, il-Kunsill għandu jagħmel it-tieni pagament sal-aħħar ta' Diċembru 2021. Il-Kunsill approva unanimament dan il-pagament li jammonta għal €3,641.10

## 41.7 Attivitajiet għall-Milied 2022

41.7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni għal skema ta' attivitajiet tal-Milied ma gietx aċċettata mid-Dipartiment. Ippropona li l-attivitajiet elenkati f'din l-applikazzjoni jibqgħu kolla ħlief il-*band* peress li tqum ħafna flus. Il-Kunsill qabel ma dan. Fil-frattemp, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qiegħed jagħmel follow up għat-talba li saret għal bankarelli biex jintużaw fil-*Christmas Market* li hu ppjanat li jsir fil-pjazza.

## 41.8 Materji Amministrattivi

41.8.1 Gieħ il-Qala

41.8.1.1 Is-Sindku qal li d-data u l-post ġew konfermati, u bħala ikel gie ordnat għal 70 ruħ. Il-momentoes lesti ukoll. Is-Sindku ser ikun qed ikellem lill-Arċipriet biex isir avviż fuq il-bulettin.

41.8.1.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li jonqos biss li jirċievu l-istimi għas-sound. Malli ser ikunu f'idejħ ser jgħaddijom permezz ta' email lill-Kunsilliera.

41.8.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv semma li qiegħda ssir ħidma mad-dibartiment biex il-Kunsill jingħata permess jixtri truck permezz ta' *Direct Order*, u dan peress li wara li nħarġu tliet tenders baqgħu ma nstabux offerti adekwati. Il-Kunsilliera ġew avżati li malli jinġieb dan il-permess jista jkun li tissejjaħ laqgħa urgenti dwar dan. Il-Kunsill qabel ma dan.

41.8.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' aġġornament lil Kunsill dwar il-bilanċ li għandu Paul Michael Debattista li jikkonsistu f'konsum tad-dawl u ilma mhux imħallsa. Is-Sur Debattista intalab jivverifika l-*workings* li saru mill-Kunsill mal-*accountant* tiegħu, u dan qabel magħhom. Il-ħlasijiet ser isir permezz ta' *installments* u l-ewwel ħlas diġa' sar. Dan il-qbil ser jiġi fformalizzat permezz ta' kuntratt fil-ġimgħat li ġejjin. Il-Kunsill qabel ma dan.

41.8.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-iskrivana u hu għandom xi sigħat *vacation leave* li mhux ser jilħqu jieħdu matul is-sena; u talab permess lill-Kunsill biex dawn is-sigħat jitmexxew għas-sena 2022. Il-Kunsill qabel ma dan.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 41.9 Korrispondenzi

41.9.1 Giet diskussa ittra mingħand l-APS bank minħabba *account* li kien ser jaqa' *dormant*. Il-Kunsill ta' permess lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex jittrasferixxi €20 mill-*current account* lejn dan l-account ħalli hekk il-Kunsill jevita spejjeż amministrattivi.

41.9.2 Ittra mingħand l-Għaqda Briju San Guzepp, fejn talbu *sponsorship* ta' €300 lejn il-publikazzjoni ta' kalendarju għas-sena 2022. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

41.9.3 Ittra mingħand Radju Lehen il-Qala, dwar servizz ta' *live streaming* tal-attivita' Ġieħ il-Qala, liema servizz iqum €300. Il-Kunsill qabel ma din l-istima.

41.9.4 Zewġ ittri minn Transport Malta dwar talbiet għal reserved parking bays fi Triq Wied is-Simar u Triq l-Indipendenza. Is-Sindku qal li jaf bil-każ tal-applikant ta' Triq Wied is-Simar, iżda ma jafx b'ta triq Indipendenza. Il-Kunsill qabel li tintalab kjarifika dwar din ta' l-aħħar mingħand TM.

41.9.5.1 Email mis-Sur Mario Fava, President tal-Assoċċazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

41.9.5.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li matul il-ġimgħa ta' qabel, kien hemm skambju ta' emails bejnu u l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak dwar il-*Christmas Market*. Il-korrispondenza mis-Sur Fava tikkonċerna email mibgħuta mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Fiha, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-lingwaġġ użat minnu ma jħossx li kien l-idejali, u li minħabba f'hekk kien diġa' skuza ruħu bil-miktub u qed jerġa jagħmel dan bil-fomm f'din il-laqgħa.

41.9.5.3 Waqt li aċċettat l-apoloġija bil-miktub, il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qalet li ma kienitx hi li għaddiet l-email lis-Sur Fava. Żiedet ukoll li ma ħaditx pjaċir li l-email tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġiet *shared* ma kulħadd, u li din l-istess email weġġgħata ħafna. Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak qrat is-sekwenza ta' emails li għaddew bejnha, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u s-Sur Fava. Qalet li ma tħossx li kellha tirċievi dik it-tip ta' email, u awgurat li dan kollu ma jerġax jiġri għax imkella hi ser tkun qiegħda tirrapporta dan kollu lil Bord ta' Governanza.

41.9.5.4 Kopja tal-korrispondenzi li għalihom qiegħda tirreferi din il-minuta huma mehmuza ma dawn il-minuti ("**Appendix 1**").

41.9.6 Email mir-reġjun dwar ikla tal-Milied għal persuni morda, vulnerabbli jew anzjani li ma ghandomx min idur bihom. Il-Kunsill ġie mitlub lista ta' dawn in-nies biex ir-reġjun ikun jista' jaħsbilhom għal ikla. Peress li din l-informazzjoni tinsab għand l-Arcipriet, ġie maqbul li din it-talba tiġi rriferita lill-parroċċa.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

41.9.7 Email mid-Direttorat tal-Wirt Kulturali fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li numru ta' lokalitajiet magħżula mill-Kunsill għall-wirja "On the Road" ma ntlaqgħux mid-Direttorat. Intlaħaq qbil li l-Kunsill jibgħat lid-Direttorat iktar informazzjoni dwar il-postijiet magħżula. Il-Kunsill qabel ukoll li jiżdiedu il-*Cart Ruts*, il-Kappella tal-Madonna tal-Blat u l-graffiti li hemm fuq il-ħajt ta' barra tas-Santwarju tal-Kunċizzjoni.

## 41.10 Materji oħrajn u Mozzjonijiet

41.10.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ser ippreżenta tliet stimi għal *stickers* biex jitwaħħlu fuq il-kotba li ser jingħataw lit-tfal għall-Milied. Qabel ma sar dan, is-Sindku ħareġ mill-kamra minħabba li jista' jkun hemm kunflitt ta' interess.

41.10.1.2 Il-bqija tal-Kunsilliera prezenti evalwaw l-istimi u ġie maqbul li tintgħażel l-irħas offerta, li saret minn JDB Printing.

41.10.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrapporta lil Kunsill dwar talba mill-Gozo Action Group Foundation biex timtela' formola ta' aġġornament peress li fuq il-karti tagħhom għadu jidher L-Onor. Ministru Clint Camilleri bħala sindku tal-Qala. Il-Kunsill qabel ma dan.

41.10.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Att tal-Kunsilli Lokali jitlob li darba f'sena ssir laqgħa tal-Lokalità, liema laqgħa s-sena ta' qabel fil-Qala saret f'Diċembru. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Lokalità ssir nhar id-29 ta' Diċembru fl-4:30pm.

41.10.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta kopja tal-Budget tal-Kunsill għas-sena 2021. Spjega li l-ammont allokat lill-Kunsill Lokali ġie imqassam b'mod simili għal kif kien imqassam fis-sena ta' qabel. Ser tkun qiegħda tintbgħat kopja ta' dan id-dokument. Il-Kunsill qabel ma dan il-budget u ta' permess lis-Sindku u Aġent Segretarju Eżekuttiv biex jiffirmaw id-dokument.

41.10.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l-iskeda ta' Pagamenti numru 12/2021. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru dawn il-ħlasijiet.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 41.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

41.11.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fil-18:35. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss biex issir nhar L-Erbgħa 29 ta' Diċembru 2021 fl-5:00 ta' filgħaxija.

**(IFFIRMAT)**

Paul Buttigieg
Sindku

**(IFFIRMAT)**

Lorne Cremona
Aġent Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt